MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2286/2003

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat**
**taghha Auto Sales Limited u b'Nota tat-13 ta' Mejju, 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Limited assumiet l-atti minflok is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Jacqueline Panzavecchia**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu

(Lm653.77c) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku kif spjegat ahjar fl-Avviz.
Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn qalet li ma tahtix unikament ghall-habta imma kien hemm kontribuzzjoni qawwija ta' l-attur. Il-konvenuta qalet li saret offerta bil-miktub u din l-offerta ghandha tigi kkunsidrata meta t-Tribunal jikkunsidra l-kap ta' l-ispejjez.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Skond ir-Rapport tal-Pulizija wara l-habta l-assigurat tas-socjeta' attrici qal:

"Tiela' minn Turu Rizzo Street, u l-ohra harget minn Luqa Briffa Street u saret il-habta."

Il-konvenuta qalet:

"Hierga bil-mod minn wara vann li kien ipparkjat u f'daqqa wahda l-iehor tal-vettura ASL 107 gie bi speed min-naha tal-lemin tieghi u saret il-habta."

Fix-xhieda taghha l-konvenuta qalet li kienet gejja minn Luqa Briffa Street, kien hemm vann ipparkjat u ma setghetx tara. Waqfet magenb il-vann. Il-konvenuta qalet li kif kienet se tibda ssuq hasset daqqa kbira. Hi harget kwart ta' metru iktar mill-vann.

Gaetano Fenech xehed li hu kien qed isuq f'Turu Rizzo Street. Hu sostna li din hija *main road* fil-konfront ta' Triq Luqa Briffa. Fenech qal li l-konvenuta harget minn Triq Luqa Briffa u saret il-habta. Fenech immarka X fuq l-iskizz fejn grat il-habta.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenuta kienet hierga minn *side street* u kellha vann li kien qed jostakola l-vizwali taghha. Hi kellha d-dover *to inch out* u tassigura li tista' tohrog minghajr ma tostakola t-traffiku fuq il-*main road*. Mix-xhieda tal-konvenuta hi harget u waqfet u kif kienet se ssuq saret il-habta. Illi fil-kawza **Vol. XXXVII.IV.1357** gie ddikjarat:

"Is-sewwieq li jkun diehel minn *side road* ghal go *main road* ghandu certi doveri x'josserva fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha, dak li jmexxi *dead slow* u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. (Ara wkoll **Vol. XLVI 1243** u **Zammit Vs Drago - Appell deciza fil-5 t'Ottubru, 1998**)."

Meta tkellmet mal-Pulizija ezatt wara l-habta l-konvenuta qalet "hierga bil-mod minn wara vann li kien ipparkjat u f'daqqa wahda l-iehor tal-vettura ASL 107 gie bi speed min-naha tal-lemin tieghi u saret il-habta". Ma qalitx li waqfet u li harset qabel ma harget. Il-konvenuta kellha tesplora t-triq qabel ma harget fuq il-*main road*. Setghet zammet iktar fuq ix-xellug biex ikollha vizwali ahjar. Fil-kawza fuq imsemmija **Zammit Vs Drago** l-Qorti ta' l-Appell qalet:

"Hu ovvju illi aktar ma kienet diffikultuza l-manuvra li ried jaghmel il-konvenut minhabba l-*blind corner* li kellu jinnaviga w aktar ma kienet limitata l-vizwali tieghu fuq ix-xellug, u aktar ma kienet dejqa u rregolari l-*main road* f'dak it-tratt, aktar kellha tkun id-diligenza li kellu jezercita l-konvenut bhala *side road user*…kien obbligat li jesplora t-triq f'pozizzjoni orizontali in rispett tal-*main road*, l-aktar l-aktar *inching out* ghal dak il-minimu mehtieg biex jirfes fuq il-karreggjata tat-triq principali. U jekk anki b'hekk il-vizwali tieghu kienet tibqa' ostakolata, hu kien obbligat li ma johrogx ghal fuq dik il-karreggjata qabel ma jitlob jekk mehtieg l-ghajnuna ta' terzi. F'cirkostanzi bhal dawn il-konvenut kien jipprocedi *at his own risk and peril*."

Illi ma jirrizultawx elementi li jistghu jikkwalifikaw lil Fenech bhalha *main road abuser*. Hu kellu d-dritt li jippretendi li l-ebda vettura ma tazzarda tirfes fuq it-triq principali mit-triq sekondarja minghajr ma tara x'hemm fil-*main road*.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sitt mija u tlieta u hamsin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm653.77c) bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-22 ta' Novembru, 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------